Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 306 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Christabelle Chetcuti

Vs

Grazio Fenech

Maria Tereza Fenech

Vincent Dalli

Illum id-29 ta' Novembru 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat Grazio Fenech detenur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 769849(M), l-akkuzata Maria Tereza Fenech detentrici tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 589055(M) **u l-appellant Vincent Dalli** detenur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 323154(M) akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

**Nhar il-11 ta' Marzu, 2016 u fil-jiem u xhur ta' qabel gewwa Triq San Anard, Haz Zabbar:**

1. **Minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu innifsu lil xi hadd jhallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Christian Dalli, Karen Borg u Raymond Borg fil-pussess ta' hwejjgu b' xi mod iehor konfra l-ligi jew indahal fi hwejjeg ta' haddiehor;**

2. **Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b' mod iehor lil Christian Dalli, Karen Borg u Raymond Borg;**
3. **Gab ruhu b' tali mod li ta' fastidju lil Christian Dalli, Karen Borg u Raymond Borg u b' mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dak li ghamel kien ta fastidju ghal Christian Dalli, Karen Borg u Raymond Borg.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-23 ta' Gunju, 2017, fejn il-Qorti:

1. **Illiberat lill-imputat Grazio Fenech mill-akkuzi kollha dedotti kontrih u lill-imputati l-ohra mit-tielet akkuza;**
2. **Sabet lill-imputat Vincent Dalli hati tat-tieni akkuza u illiberat lil Maria Theresa Fenech mill-istess;**
3. **Sabet lill-imputati Maria Theresa Fenech u Vincent Dalli hatja tal-ewwel akkuza u wara li rat l-artikolu 85 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannathom ghall-piena ta' prigunerija ta' xahar li b' applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi sospiza ghal perjodu ta' sena.**

**U wara li rat l-artikoli 85(2) u 377(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-istess hatja Maria Theresa Fenech u Vincent Dalli ikkomettew spoll fil-konfront tal-partijiet lezi, tordnalhom sabiex fi zmien gimgha mill-lum iqieghdu kollox fl-istat ta' qabel ma kkommettew l-istess spoll u fin-nuqqas tawtorizza lill-Pulizija biex tnehhi d-diziordni li ghalih jirreferi r-reat ghas-spejjez tal-hatja.**

**U fl-ahharnett, b' applikazzjoni tal-Art. 383 torbot li fl-istess hatja b' obbligazzjoni taghhom infushom biex ma jimmolestawx u ma jingurjawx lil u dan taht penali ta' € 250 kull wiehed ghal perjodu ta' tnax-il xahar.**

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Vincent Dalli, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Lulju, 2017, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonfermha fejn l-Ewwel Qorti sabet l-imputat mhux hati ta' l-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi w thassar w tirrevokaha fejn il-qorti sabet l-akkuzat hati tal-imputazzjoni kif indikat fis-sentenza w minna tilliberah skond il-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Settembru 2008, fejn din il-Qorti, fuq talba tal-appellant u fid-dawl tan-nuqqas ta'opposizzjoni mill-Avukat Generali, ordnat il-korrezzjoni fit-talba kontenuta fir-rikors tal-appell billi din ghandha tinqara fis-sens illi l-appellant qed jitlob lil din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn huwa gie illiberat mit-tielet akkuza izda thassarha u tirrevoha fejn din sabet htija ghall-ewwel u t-tieni akkuzi u konsegwentment tilliberah mill-istess.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu mis-segwenti:

1. Illi l-ewwel u qabel kollox l-imputat qed jishaq fuq l-innocenza tieghu.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-kwerelanti m' ghandhomx pussess imma kien hemm biss tolleranza li kien favur Indri Dalli, illum mejjet, li jigi missier Christian Dalli u ohtu Karen mart Raymond illi dan Indri Dalli kien jigi hu l-imputati Vincent Dalli u Tereza mizzewga Fenech.
3. Illi allacjat mas-suespost, l-ewwel Qorti letteralment irrifjutat thalli lil Maria Tereza Fenech turi d-dokumenti li hi biss kellha titolu ta' kera / qbiela fuq l-ambjent inkwistjoni w l' huha l-mejjet Indri Dalli kien qed jutilizza l-ambjent b' mera tolleranza[1] fejn gie rizervat id-dritt li meta taghzel hi (Maria Tereza Fenech) hu jkollu jitlaq minghajr ma jivvanta ebda titolu. Illi hu rilevanti li jigi indikat li dan kollu qam wara l-mewt ta' Indri Dalli.
4. Illi hu importanti li jigi indikat li Karen Borg biss mill-parti leza kollha xehdet u li dak li xehdet ma giex korroborat bhala konsegwenza. Illi dan hu importanti fid-dawl generali tal-kaz peress li irrizulta hafna inezattezzi li, sfortunatament, l-ewwel Qorti ma indunatx bihom u b' hekk is-sewwa mhux qed tirrenja.
5. Illi l-imputat Vincent Dalli kien gie misjub hati tat-tieni (2) akkuza biss; dan ma kienx minnu. Illi hu rilevanti li jigi indikat li l-parti leza Raymond Borg, li jigi r-ragel ta' Karen Borg ma xhedtx fil-kawza u b' hekk ma kienx hemm prova, konferma w korroborazzjoni ta' dawn l-akkuzi fil-konfront ta' Vincent Dalli. Illi di piu, l-parti leza Christian Dalli lanqas ma xehed u lanqas ma kien presenti fil-gurnata inkwistjoni biex b' hekk anki hawn ma kien hemm ebda prova, konferma w korroborazzjoni ta' dawn l-akkuzi. Illi wara kollox, Karen Borg, li tigi in-neputija ta' Vincent Dalli, dehret

[1] Bhalma gie spjegat qabel

irrabjata ghax hi ma accettatx il-prudenza li intwera la miz-ziju taghha Vincent Dalli w lanqas miz-zija Maria Tereza Fenech fejn giet mgharrfa li l-fniek taghhom kienu gja ghand ommha. Illi b' din ir-risposta hi irrabjat sew u dan meta hi kienet ilha tipposponi t-tnehhija tal-fniek u affarijiet ohra li ghandhom x' jaqsmu maghhom; illi dan qed jinghad meta kien hemm qbil li jitnehhew. Illi fil-fatt din Karen Borg kienet ammettiet fil-provi li kienet taf li jistghu jitnehhew u ma kienitx kontra[2] din il-haga! Illi ghalhekk, ma kien hemm ebda prova tal-akkuzi kif dedotti kontra Vincent Dalli, imma Karen Borg wriet l-'animus' u wriet kif ser taghmel biex tattakka l-imputat konxja mill-fatt li ma kienitx qed tghid il-verita! Illi wara kollox x' interess kellu Vincent Dalli jdahhal lilu innifsu f' dan l-inkwiet meta l-istess Karen Borg kienet taf li kien hemm qbil li l-fniek jitnehhew? Illi di piu l-kwerelanti fl-ebda stadju ma ikkoroboraw l-akkuzi imma l-imputat Vincent Dalli mhux biss cahad bil-qawwa dak fuq xix hu kien qed jigi akkuzat imma l-imputat l-ohra Maria Tereza Fenech ikkonfermat il-pozizzjoni tal-imputat biex b' hekk mhux biss hemm konflitt fil-provi imma l-pozizzjoni tal-imputat Vincent Dalli giet konfermata w korroborata mill- akkuzata l-ohra Maria Tereza Dalli, illi ghalhekk din l-akkuza ma ippruvata.

6. Illi ta' min isemmi w jfakkar il-fatt li Christian Dalli lanqas ma kien presenti biex b' hekk, il-fatt li hu gie indikat bhala parti leza timmilita favur l-akkuzat fir-rigward il-kredibilita' tieghu imma kontra l-parti leza li holqu huma stess sitwazzjoni w b' dana kollu, biddlu l-ideja w raw kif ser jaghmlu biex jitfghu l-htija fuq l-akkuzat. Illi dan il-principju hu issodat mill-fatt li akkuzat iehor Grezzju Fenech lanqas ma kien prezenti w b' hekk gie illiberat mill-akkuzi. Illi ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tiehu nota ta' dan l-fatt ghax hawn, il-kwerelati ghazlu li jakkuzaw persuna ta' haga meta hi lanqas ma kienet presenti!

7. Illi hu rilevanti li jigi indikat li dawn il-proceduri saru purament ghax l-kwerelanti kienu jafu li kienu fl-izball u kienu qed jippruvaw jistultifikaw is-sitwazzjoni miftehma imma li ghazlu li ma jammettuhiex fil-provi tal-kaz. Illi l-imputat ma jistax jifhem kif hu gie, fost affarijiet ohra, akkuzat ta'

[2] Imma ghar-ragunijiet li taf hi biss, hi biddlet il-verzjoni.

'ragion fattasi' u intuza l-kuncett ta 'pussess' meta ma kienx hemm pussess imma ta' 'tolleranza' liema haga kienu jafu ben tajjeb l-kwerelanti; din il-haga giet ippruvata anki f' proceduri civili! Illi fil-fatt l-kwerelati ghandhom fil-pussess taghhom id-dokumenti relevant bhala konferma ta' dan liema haga tispjega r-rabja taghhom imma sfortunatament ma gietx afferrat, biz-zvista, mill-ewwel Qorti.

8. Illi allacjat mas-suespost il-kuncett ta 'ragion fattasi' tinvolvi li ghandu jkun presenti fl-istess hin l-ingredjenti kollha necessarja biex ikun hemm 'pretended rights.' Illi f' dan il-kaz, l-ingredjenti kollha m' hux qed jissussistu ghax il-partijiet kollha kienu jafu x' ftehmu w iddiskutu imma jidher li l-parti leza ghazlu li jbiddlu dak miftiehem, tant li Karen Borg biss xehdet. X' inhi r-raguni li Christian Dalli w Raymond Borg ma xehdux? Illi dan in-nuqqas ta' korroborazzjoni minn naha tal-kwerelati timmilita favur l-akkuzati.
9. Illi l-imputat qed jaghmilha cara li s-suespost qed jirrizervaw id-dritt li jippresentaw argumenti pertinenti, skond il-kaz, anki f' stadju ulterjuri partikolarment fit-trattazzjoni tal-appell.

Ikkunsidrat:

Illi kif jirriżulta mill-provi akkwiziti in prim'istanza, jidher li nhar il-11 ta' Marzu 2016, Karen Borg u żewġha Raymond Borg marru jagħmlu rapport fl-għassa ta' Ħaz-Żabbar dwar  xi fniek li kienu gew rimossi minn kamra ġewwa ghalqa fi Triq San Anard, Ħaż-Żabbar, liema ghalqa kienet ta' missier Borg, illum mejjet, u li issa tinsab reġistrata fuq isem ħuha, Christian Dalli.  Il-kwerelanti kienu saru jafu dakinhar tar-rapport li l-appellant flimkien ma' ohtu Maria Theresa sive Tessie Fenech, kienu kissru l-katnazzi tax-xatba tal-għalqa u kif ukoll tal-bieb tal-kamra fejn kienu mizmuma l-fniek, qabbdu il-fniek kollha, tefghuhom fi xkejjer u ħallewhom quddiem il-bieb tad-dar ta'omm il-kwerelanti Karen Borg.  L-appellant Vincent Dalli jiġi ż-żiju tagħha u ċioe jiġi ħu missierha l-mejjet, Indri Dalli

L-appellant, izda, jikkontendi illi din il-proprjeta' inkluż il-kamra fejn kienu jinżammu l-fniek kienet ta' oħtu Maria Tereza Fenech u li hija kellha titolu ta' kera

fuq l-istess. Jaf li din kienet bghatet ittra permezz tal-legali taghha lill-kwerelanti sabiex dawn jizgumbraw minn dawn l-ambjenti[3].

Illi mix-xiehda ta' Karen Borg, il-parti leza, moghtija quddiem l-Ewwel Qorti jirizulta illi l-għalqa in kwistjoni kien jaħdimha missierha Indri Dalli u dan ghal tletin sena precedenti l-mewt tieghu. Mal-mewt ta' missierha l-appellant flimkien ma' ohtu ma riedux jippermettulhom jidħlu f'din l-ghalqa u l-kmamar li hemm fiha, lanqas biex jagħlfu l-fniek. Kull darba li kienu jmorru kienu jwaqqfuhom. Gara li għall-ħabta ta' Marzu 2016 dawn it-tnejn minn nies neħħew il-katnazzi, neħħew il-fniek u hallewhom quddiem il-bieb tar-residenza ta' ommha. Infatti meta l-pulizija marru fuq il-post sabu lill-appellant u lil oħtu Tessie jneħħu l-katnazzi *in flagrante*.

Tishaq illi bejn il-ko-litigandi hemm kawza civili pendenti dwar min ghandu jedd fuq din il-proprjeta skont il-ligi. Spjegat li żewġha kien jiehu hsieb it-trobbija tal-fniek u dan kien sehh bil-permess ta' missierha. Tikkonferma illi l-appellant kien uza kliem dispreggattiv fil-konfront ta' zewgha Raymond Borg ghal liema diskors hija kienet prezenti.

Illi Karen Borg kienet l-unika xhud li xehdet *viva voce* għall-prosekuzzjoni.

L-appellant minn naha tieghu isostni illi l-pussess tal-art mertu ta' din il-vertenza tinsab f'idejn ohtu , l-ko-akkuzata u zewgha. Dawn kienu aċċettaw li jibqgħu jgħixu hemmhekk, flimkien ma' ħuhom Indri, illum mejjet u missier il-kwerelanti. Jikkonferma illi ohtu Maria Tereza Fenech kienet avvicinat lil Raymond Borg sabiex inehhi il-fniek mill-kmamar, ghalkemm jaqbel illi Raymond Borg kien jiehu hsieb dawn il-fniek regolarment. Jishaq illi dawn l-ambjenti kienu qed jigu okkupati mill-kwerelanti b'mera tolleranza billi il-kirja tal-post tinsab f'idejn ohtu, kif inghad.

Ikkonferma li hu u oħtu ħadu l-fniek quddiem id-dar t'omm Karen Borg, il-kwerelanti, wara li nehhewhom mill-kamra. In oltre għal dak li jirrigwarda t-tieni akkuza, l-appellant jikkonferma li kien sar xi diskors meta kien qed ineħħi l-katnazzi

[3] Ara l-affidavit ta' PS1593 A. Cachia datat l-1 ta' April 2016 a folio 6 tal-atti proċesswali.

fil-konfront ta′ Raymond Borg fil-preżenza ta′ Karen Borg imma jiċħad kategorikament li uża xi kiem faħxi jew dispreggjattiv.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tan-natura tal-aggravji mqajjma, tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta′ din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[4].

In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta′ tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni jintlaħaq b′suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti[5].

Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibilita` huwa l-artikolu 637 li tistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta′ eta′ minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta′

---

[4] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[5] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, 'id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...'. [6] .

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Thorne[7], *'..mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.*

**Kunsiderazzjoni tad-dritt**

Illi l-appellant gie misjub hati tal-ewwel imputazzjoni imfassla fil-konfront tieghu fic-citazzjoni li jikkontempla ir-reat ta' 'l hekk imsejjah *raggion fattasi* kif mahsub fl-artikolu 85 taI-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[8]. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet analizi approfondit tal-gurisprudenza li isawwar dan ir-reat. Fil-fatt din l-gurisprudenza hija kopjuza bil-qrati taghna jirritejnu illi l-elementi tar-r-reat jikkonsisti:

**a) f'att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;**
**b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;**
**c)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;**
**d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;**

---

[6] Ara is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Bartolo deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

[7] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

[8] *'Kull min bla ħsieb li jisraq, jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorita' tiegħu innifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun xi tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejjġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għaliħ, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tlett xhur:...'*

**Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu[9].**

Illi allura kif gustament irriteniet l-Ewwel Qorti, r-reat jista' jissusisti anke f'kaz ta` sempliċi pussess jew detenzjoni tal-oġġett kif ukoll sempliċiment meta persuna jkollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-ħaġa jew il-proprjeta' u li hi ma tkunx tista tkompli b'dan l-użu jew tgawdija minħabba l-azzjoni ta' min ikommetta r-reat.

**"L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-proprjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.**

**Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni."**

Ukoll fl-appell Il-Pulizija vs John Vassallo[10], il-Qorti qieset illi"

**'Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura tal-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.'**

Dan ghaliex ir-*raison d'etre* wara dan ir-reat:

**"hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu'.**

[9] Pulizija vs Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn Pulizija vs Mario Bezzina, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Michael Lungaro, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Seded Inferjuri kif ippreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003u Pulizija vs Eileen Said deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 taż Ġunju 2002.
[10] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22.3.1991.

Illi konsegwentement mill-qari tal-provi kif hawn fuq imfissra, moqrija fid-dawl tal-insenjament rimandat mill-gurisprudenza jirriżulta li l-att materjali li allegatament ivvjola t-tgawdija tal-kwerelanti mhux qed jiġi kkontestat mill-appellant. Dan ghaliex l-appellant mhux qed jichad illi hu flimkien ma' ohtu Tessie Fenech hadu f'idejhom il-pussess tal-ambjenti fejn kienu mizmuma l-fniek tal-parti leza u anke nehhew l-istess fniek minn dan il-post. Jishaq, madanakollu illi ghamlu dan b'jedd billi ohtu ghandha titolu ta' kera fuq l-istess post.

Fil-fatt l-appellant jallega li Raymond Borg ghalkemm imwissi ripetutatament minnu u minn ohtu, inkluż b'ittra legali, biex joħroġ il-fniek mill-kamra dan baqa' inadempjenti biex b'hekk dawn it-tnejn minn nies dehrilhom li setgħu jaġixxu bil-forza, liema komportament wassal għal dawn il-proċeduri. Illum fil-fatt ir-risoluzzjoni tal-vertenza dwar minn ghand il-jedd fuq din il-proprjeta` tifforma l-mertu ta' kawza pendenti quddiem il-qrati civili.

Illi allura maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti hija l-fehma li ma jezisti l-ebda mottiv li jista' igieghla titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti fejn din sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni. Dan ghaliex jirrizulta ikkontestat illi l-parti leza kellhom l-uzu tal-kamra u l-ghalqa, ghalkemm l-appellant u ohtu dehrilhom li ma kellhom l-ebda jedd fuq l-istess. Huwa ammess ukoll mill-appellant illi meta l-parti leza irrifjutaw johorgu minn dawn l-ambjenti meta mitluba jaghmlu dan, allura hu u ohtu uzaw il-forza biex igieghluhom jaghmlu dan billi qacctu il-katnazz tax-xatba tal-ghalqa, kissru s-serratura tal-kamra u nehhew il-fniek li kien hemm appartenenti lil parti leza. Il-kwistjoni dwar t-titolu li Fenech seta' kellha fuq il-kamra in kwistjoni ma tbiddel xejn minn dan l-istat ta' fatt. Di piu' l-fatt li l-appellant kellu jkisser il-katnazz tal-kamra biex jidħol fiha, hija ndikattiva li hu ma kellux ċavetta għall-kamra in kwistjoni, li tindika nuqqas ta' aċċess liberu u li tkompli tikkonferma li l-jedd tal-uzu u tat-tgawdija kien f'idejn ħaddieħor.

Illi rigward dak allegat mill-appellant dwar dokumentazzjoni li l-ewwel Qorti rrifjutat illi tara u tqies, mill-atti ma jirriżulta xejn minn dan kollu, iżda fi kwalunkwe kaz jidher ċar minn dak sottomess fl-appell li dawn id-dokument setgħu biss ikunu siewja fil-fora Ċivili u mhux dik kriminali għar-raġunijiet hawn fuq indikati.

Illi anke jekk il-kwerelanti kollha (ghajr ghal Karen Borg) ma xehdux f'dawn il-proceduri ma ifissirx illi l-appellant ma jistax jinsab hati tar-reat lilu addebitat fl-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant gie misjub hati ukoll tat-tieni imputazzjoni ta' natura kontravenzjonali u dan meta l-Ewwel Qorti tat affidament lix-xiehda tal-parti leza Karen Borg li stqarret illi fil-presenza taghha l-appellant qal klien ingurjuz fil-konfront ta' zewgha Raymond Borg. Tant hu hekk illi mill-kliem adoperat fil-motivazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti tistabilixxi ir-reita' ghal din il-kontravenzjoni, kien il-komportament tal-appellant fuq il-pedana tax-xhieda u l-qaghda socjo-ekonomika tieghu u ta' ohtu li fuqhom sabet ir-risoluzzjoni ghal din l-akkuza.

Issa dak li setgħet qalet Theresa Fenech fir-rigward ta' din l-akkuża ma jistax jintuża mill-appellant favuriħ u dan billi hija ma tistax titqies bhala xhud kompetenti u ammissibbli f'dawn il-proceduri fejn hija ghandha il-figura ta' ko-imputat.

Maghdud dan allura din il-Qorti ghalkemm tistqarr illi l-htija ghal din il-kontravvenzjoni tista' tirrizulta biss fil-konfront ta' Raymond Borg billi jidher illi l-kliem dispreggjativ intqal fil-konfront tieghu biss, madanakollu ma hemm l-ebda mottiv li jista' igieghla titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti marbut mal-apprezzament tal-provi.

Ili finalment il-fatt illi Raymond Borg ma deherx sabiex jikkonferma il-kwerela tieghu u sabiex jixhed dwar l-istess ma ghandux iwassal awtomatikament ghal liberatorja tal-appellant, kif donnu qed jallega fir-rikors tieghu tal-appell. Illi l-artikolu 374 tal-Kodici Kriminali jistabilixxi illi l-kwerelant jista' jidher hu personalment jew tramite l-avukat tieghu. Izda fin-nuqqas ta' dehra tieghu, il-kwerelat jista jitlob il-liberatorja u dan kif hemm mahsub fis-sub-inciz (d) tal-istess disposizzjoni tal-ligi, haga li l-appellant naqas li jaghmel. Kwindi ma jistax issa f'dan

l-istadju ta' revizjoni jilmenta minn dan il-fatt meta huwa accetta li minflok il-kwerelant Raymond Borg, tidher martu Karen Borg u id-difensur taghhom.

Konsegwentement din il-Qorti mhijiex ser tiddisturba dan l-apprezzament u s-sejbien ta' ħtija ghal din l-akkuża.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' Vincent Dalli u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata bit-termini indikati fl-istess decizjoni jibdew jiddekorru mil-lum.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur